Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,027, 22 ta' Diċembru, 2000
Taqsima B

A.L. 273 ta' l-2000

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (ċ) tal-artikolu 19 u l-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tmien Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2001.

Iżid paragrafu ġdid ma' l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-proviso għall-ewwel paragrafu taħt L-ewwel Kolonna u t-Tieni Kolonna ta' l-Iskeda, għandu jidħol dan li ġej:

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
"L-oġġetti speċifikati fit-Tariffa tad-Dwana fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni taħt is-subintestaturi 8516.10.19.10; 8516.10.19.90; 8541.40.90.10 u 8541.40.90.90 f'Kapitolu 85.".	"5%".